MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 193/2009

**Michael Attard Limited**
**(C – 32362)**

**vs**

**Steve Bates**
**(I.D. 27638A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut il-hlas tas-somma ta' elf, mitejn u tnejn u sittin ewro u hamsa u hamsin centezmi (€1,262.55), rapprezentanti *import* ta' tlettax-il (13) kambjala skaduta, accettati u ffirmati mill-intimat.

Bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri mid-data ta' l-iskadenza mid-data tal-pagament effettiv.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf, mitejn u tnejn u sittin ewro u hamsa u hamsin centezmi (€1,262.55), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------